MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Rikors Numru. 991/1997/1

Euchar sive Tony Grech
vs
Ministru tal-Edukazzjoni u Direttur tal-Edukazzjoni u l-Avukat Generali

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent ippremetta illi fil-15 ta' Novembru 1988 ir-rikorrent inghata warrant temporanju ta' ghalliem biex jezercita dina l-professjoni fir-Repubblika ta' Malta kif hemm provvdut fl-Artiklu 10 tal-Kap 327.

Illi dan il-warrant kien validu ghal sena u gie prorogat minn sena ghal sena sakemm ir-rikorrent inghata warrant ta' ghalliem permanenti kif hemm provvdut fl-Artikolu 9 tal-imsemmi ligi (Warrant Nru 5917).

Illi r-rikorrent issottometta illi saret ingustizzja fil-konfront tieghu u kien hemm "undue distinction" u dan billi r-

rikorrent kien jikkwalifika ghal warrant permanenti meta applika fil-15 ta' Novembru 1988 u inoltre, kien hemm persuni ohra li f'cirkostanzi simili nghataw warrant ta' ghalliem permanenti u f'dan ir-rigward ir-rikorrent semma lil Charles Mock, certu Bajada (P3375) certu Grillo (P1836), Lagana (P1598), Elise Micallef (P4298), Randon (P3355) u Taylor (P1446).

Illi r-rikorrent kellu kwalifiki u esperjenza sufficjenti sabiex jikkwalifika ghall-imsemmi warrant ta' ghalliem permanenti kif hemm stipulat fl-imsemmi Kap 327 u dan sa minn qabel 1988.

Illi b' rizultat tal-fatt li r-rikorrent inghata l-warrant t'ghalliem permanenti fl-1994 u mhux fl-1988, ir-rikorrent sofra telf materjali fis-somma komplessiva ta' Lm10,972 kwantu ghal Lm8,132 bhala paga mitlufa in kwantu ghal Lm2,840 bhala imghaxijiet sal-31 ta' Awwissu 1997 oltre telf ulterjuri li jigi rifless fuq il-pensjoni tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u jaghti rimedju opportun billi prevja okkorendo dikjarazzjoni li r-rikorrent kien intitolat ghal warrant ta' ghalliem permanenti b'effett minn 15 ta' Novembru 1998 u jekk ikun il-kaz li tinghata ordni f'dan is-sens, jigu kkundannati l-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens lir-rikorrent fil-massimu permess skond il-ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimati li eccepew:

1. Illi r-rikors odjern m'ghandu ebda lista ta' xhieda kif rikjest mil-ligi u ghalhekk huwa null.

2. Illi l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax taht l-artiklu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3. Illi t-Tribunal ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni li ghandu l-Ministru taht l-artikolu 9(3)(d) ta' l-Att XXIV ta' l-1988.

4. Illi s-Sur Grech applika ghal Teacher's Warrant fit-28 ta' Dicembru 1988 u wara li d-dokumenti li ssottometta gew studjati huwa gie moghti Warrant temporanju Nru 1447. Ara dokumenti A1, A2, u A3.

5. Illi s-Sur Grech accetta l-warrant temporanju u kien biss fil-15 ta' Gunju 1992 li huwa rega' ssottometta applikazzjoni ohra ghal Teacher's Warrant. Ara dokumenti B1 u B2.

6. Illi wara li l-Bord ikkunsidra t-tieni applikazzjoni tieghu u talab il-parir ta' Dr. P. Heywood Chairman tal-Bord ta' l-Ekwivalenza dwar kwalifiki, prima facie kien jidher li s-Sur Grech ma kellux il-kwalifiki mehtiega ghal Warrant Permanenti u s-Sur Grech gie nfurmat dwar dan fit-28 ta' Ottubru 1992. Ara dokument C1 u C2.

7. Illi t-Teacher's Warrants Board, wara li kkunsidra t-*teaching experience* tas-Sur Grech issottometta l-kaz lill-Ministru biex jiehu decizjoni skond id-diskrezzjoni tieghu, skond direttivi li huwa stess kien ta' fl-1 ta' April 1992.

8. Illi wara li talab aktar dokumenti dwar l-esperjenza fit-taghlim li s-Sur Grech kellu fi skejjel Inglizi, il-Ministru, fl-24 ta' Jannar 1994 approva l-hrug ta' Warrant Permanenti. Is-Sur Grech inghata l-Warrant Permanenti Nru. 5197 li skond il-procedura normali, hareg b'sehh minn dik id-data. Ara dokumenti D1 u D2.

9. Illi skond il-prattika normali l-warrant permanenti ma jigix *back dated.* Ara dokument E.

Ghaldaqstant it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fil-25 ta' Jannar 2000 l-ewwel eccezzjoni giet irtirata. Illi fil-15 ta' Frar 2001 it-Tribunal ta sentenza in parte li fiha cahad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet ta' l-intimat. Illi l-paragrafi 4 sa 9 tar-risposta huwa dwar il-meritu tal-kaz.

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit u fih beda biex jikkonferma l-kontenut tar-rikors tieghu. Semma l-kwalifiki li kellu kif ukoll ipprezenta diversi certifikati. Hu kkontenda li kellu jinghata l-warrant ta' ghalliem permanenti fl-1988 u mhux fl-1994. Meta kien De La Salle bejn l-1987 u l-1990 qal li ma kienx induna bid-differenza bejn warrant ta' ghalliem temporanju u warrant ta' ghalliem permanenti, izda li kien induna b' din id-differenza meta mar jghallem San Anton. Din l-iskola rabtet is-salarji taghha ma' salarji li jithallsu lill-ghalliema governattivi u l-Gvern kien jiddistingwi bejn il-hlas li jsir lill-ghalliem li jkollu warrant temporanju u l-ghalliem li jkollu warrant permanenti. Hu esebixxa skeda biex juri d-differenza fil-paga li sofra minhabba f' hekk.

Hu mar jilmenta d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u qalulu biex ikellem lil Dr Heywood izda ghalkemm ipprova diversi drabi qatt ma nghata appuntament. Hu kien anke kiteb id-Dipartiment u rcieva risposta fin-negattiv. Meta talab ghar-raguni gie nfurmat li jekk ried ir-ragunijiet kellu jikteb lid-Direttur tal-Edukazzjoni. Hu diversi drabi pprova jaghmel appuntament mas-Sur Mizzi izda qatt ma nghatalu wiehed. Meta rnexxielu jkellem lis-Sur Mizzi dan kien qallu li l-kwalifiki li kellu r-rikorrent ma kienux sufficjenti. Kien ukoll issuggerielu li jekk ried warrant permanenti kellu jattendi kors ta' disa' xhur Malta.

Zied jghid li meta nghatalu l-warrant permanenti fl-1994 dan inghatalu fuq l-istess dokumenti li kellu fl-1988. Semma lil Charles Mock li kien fl-istess pozizzjoni tieghu u nghata l-promozzjoni. Semma wkoll lil Mr. Taylor, certi Bajada, Grillo, Lagana u Alice Micallef li ma kellhomx kwalifiki u esperjenza daqsu u nghataw il-warrant ta' ghalliem permanenti.

Xehed Charles Mock li kien jghallem St. Edward' s u spicca fl-1997 u beda fl-1978 dejjem St. Edward' s. Hu kien jghallem il-physical education. Zied jghid li kien necessarju li japplika biex jinghata l-warrant u meta applika l-Edukazzjoni d-dipartiment ma accettax l-applikazzjoni tieghu. Mar arbitration li kien chaired mill-illum Imhallef Dr. David Scicluna u fil-fatt kien inghata l-warrant. Ir-report hareg fis-26 ta' Jannar 1996 u l-warrant hareg bl-istess data. Il-membri l-ohra tal-bord kienu Mr. Alfred Buhagiar u Mr. Joseph Muscat. Lir-rikorrent jafu bhala ghalliem, coach, instructor u qal li kien kapaci hafna. Ir-rikorrent kien jghallem l-athletics pero` De La Salle kien jghallem General u minghalih li mbaghad mar jghallen general physical education San Anton.

Xehed Brother Martin Borg li kien Headmaster De La Salle bejn l-1974 l-1989. Lir-rikorrent jafu sewwa u qal li mill-1965 kien jahdem De La Salle bhala teacher. Ir-rikorrent kien jghallem il-P.E. sal-1977 u fl-1977 mar il-Germanja fl-Universita` ta' Liepsig jaghmel kors. Dan kien kors tal-P.E., Sports Medicine u sports related subjects. Qal li r-rikorrent kien l-ahjar bniedem li jista' jkollok biex jaghmel il-P.E. dak iz-zmenijiet u ma tantx kien hemm nies li kellu l-kwalifiki tieghu. Apparti hekk ir-rikorrent kien jaghmel l-isports ukoll. Qal li r-rikorrent kien ta' ezempju ta' xoghol u li ghax-xhud ir-rikorrent kien a first class person. Qal li r-rikorrent qatt ma kellu problemi mal-istaff u anqas mat-tfal. Qal li hassu skantat bl-allegazzjoni tal-Education Department li r-rikorrent ma kellux esperjenza ta' teacher.

Xehed is-Sur Mario Cacciattolo bhala rapprezentant ta' l-intimat li pprezenta lista ta' persuni li kien semma r-rikorrent li nghataw il-warrant. F'din il-lista [a fol 98]

hemm ir-raguni ghaliex dawn il-persuni kienu hadu l-promozzjoni. Minn dan id-dokument jirrizulta li hafna minn-nies li inghataw il-warrant gew moghtija dan il-warrant fuq il-bazi ta’ teaching experience [15, 16, 18, 23, 26 snin esperjenza bhala ghalliem] u xi kwalifiki ohra.

**KONKLUZJONIJIET:**
Ir-rikorrent qieghed jilmenta li ma nghatax warrant ta’ ghalliem permanenti b’effett mill-15 ta’ Novembru, 1988 u ghalhekk talab li dan ikun backdated u li jithallas kumpens. Il-bazi tal-ilment tar-rikorrent hu li hu kien ikkwalifikat bizzejjed u li kien hemm persuni ohra bhalu li gew moghtija il-warrant.

Fil-15 ta’ Novembru, 1988 ir-rikorrent inghata temporary teachers warrant. Dak iz-zmien ir-rikorrent ma kellux hmistax-il sena teaching experience “properly authenticated”. Ghalhekk ma nghatax il-permanent warrant izda t-temporary. Wiehed ghalhekk irid jezamina l-artikolu 9 (2) tal-Att relattiv. Ma hemmx dubju li r-rikorrent kien cittadin ta’ Malta u kellu kondotta tajba. Jibqa’ li jrid jissodisfa l-kweziti taht il-paragrafu (d) u cioe’ li “taught in schools in Malta or outside Malta for a period of not less than fifteen years and is in the opinion of the Minister of the required academic ability”. Ma jidhirx li hemm problemi dwar il-kwalifiki tar-rikorrent taht dan il-paragrafu izda r-rikorrent ma gabx il-prova li fl-1988 kellu il-hmistax-il sena esperjenza ta’ taghlim. Dan ma giex ippruvat b’mod car. Il-persuni l-ohra li r-rikorrent semma bhala paragun kellhom tali esperjenza u ghalhekk inghataw il-warrant. Ir-rikorrent ma jidhirx li tant ipprotesta dak iz-zmien u jghid li nduna bid-differenza meta applika ghal San Anton fl-1990. Stramba hafna li ghalhekk qieghed jilmenta li tilef il-flus sal-1990 meta lanqas biss induna bid-differenza. Irrizulta li reggha applika fl-1992. Ovvju li kien jinkombi fuq ir-rikorrent li japplika meta jkollu provi dwar il-hmistax-il sena. Izda nghata l-permanent warrant fl-1994 [ara rikors pg 2, certifikat fol 8 affidavit fol 55]. Hawn it-Tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrent li ma nghatax il-warrant fl-1992 u nghatalu fl-1994 minflok. Ghal xi raguni stramba r-rikorrent jilmenta fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu a fol 100 li kellu jistenna sal-1997,

u fl-iskeda Dok D a fol 9 fejn dwar danni baqa' sejjer sal-1997. Ukoll inkluda imghax li certament fuq ammont mhux likwidat huma applikabbli l-principji generali.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat fuq il-meritu fis-sens li l-warrant kellu johrog fl-1992. Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-permanent warrant b'effett mill-1992 – data tal-applikazzjoni - kif ukoll li jithallas is-somma ta' tlett elef lira.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------